# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

Illum, it-Tlieta, 3 ta' Ottubru 2023

**Rikors Ġuramentat numru: 42/2019 BS**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**-vs-**

**Marcellino u Lucia Anna konjuġi Haber**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' Isabelle Sammut għan-nom ta' Bank of Valletta p.l.c. li ppremettiet:**

1. *"Illi f'Jannar 2016, il-konvenut Marcellino Haber kien avvicina lill-Bank attur fil-fergha tar-Rabat, Għawdex, fejn kien wera interess li jibda jhaddem flusu mal-Bank fil-qasam tal-invesimenti u finanzi;*

2. *Illi għal dan il-ghan fis-27 tà Jannar 2016, il-konvenut kien iffirma Stockbroking and Advisory Services Agreement (Nominee, Advice and Securities Transactions) mal-Bank*

*attur. Dan il-kuntratt jinkorpora t-terms of business tal-Bank attur sabiex, inter alia, il- Bank jagixxi bħala nominee tal-konvenuti. Kopja ta' dan il-kuntratt hija hawn annessa u immarkata dokument 'BOV1';*

3. *Illi fl-1 tà Ġunju 2016, il-Bank attur kien għamel ordni għal xiri tà investiment fuq inkarigu specifiku tal-konvenut u kien xtara elfejn tliet mija u tletin (2,330) sehem f'investiment denominat ETFS Crude Oil. L-ammont tà flus li kien ġie rizervat għall-hlas tal-prezz tà din l-ordni kien tà ghoxrin elf u hamsin dollari Amerikani u tnax- il centezmi (US$ 20,050.12). Kopja tà transazzjoni relattiva esibita u immarkata dokument 'BOV2';*

4. *Illi l-konvenut kien ilu jixtri u jbigħ minn dawn is-securities ETFS Crude Oil sa mis-27 ta' Jannar 2016, u l-investimenti kollha fir-rigward ta' dawn is-securities inkluz tax-xiri partikolari li sar fl-1 tà Ġunju 2016, saru fuq bazi ta' 'execution only'. Id-dokument BOV2 li iffirma l-konvenut fih dikjarazzjoni espressa li tgħid: « I/we confirm that I/we have instructed the Bank to execute the transaction/s described herein on an 'execution basis'. Services did not include the provision of investment advice and I/we am/are relying wholly and exclusively on my/our skill, judgement and expertise. I/we confirm that any information/documentation provided to me was done upon my/our request in order to form my/our decision, and that the provision of such information/documentation cannot be construed as the provision of investment advice even if this occurred on the premises of the Bank and was provided by a Bank official. Accordingly, I/we understand that the Bank is not required to assess the suitability of the financial instrument and service provided and that I/we will not benefit from the relevant regulatory protections. » Bħal dan id- dokument kien*

*iffirma l-konvenut kull meta ta struzzjonijiet lill- Bank attur biex ipoggi l-ordni għax-xiri tà dawn l-investimenti;*

5. *Illi meta l-Bank attur għamel l-ordni għal dan l-investiment partikolari fl-1 tà Ġunju 2016, u sussegwentement ġie biex jaddebita I-Kont tal-konvenut bin-numru 12401584029 denominat f'dollari Amerikani (US$) skont l-istruzzjonijiet bil- miktub li kienu gew mogħtija mill-konvenut (kif jirriżulta mid- dokument 'BOV2'), irriżulta li ma kienx hemm bilanc ta' fondi biżżejjed f'dan il-Kont sabiex jagħmel tajjeb ghat-tentative settlement total tal-prezz li kien ġie rizervat sabiex il-Bank xtara dawn is-securities. Dan kien dovut għall-fatt li bejn ix-xiri tal-istess securities sa meta l-Bank ġie biex jaddebita l-Kont tal-konvenut b'dsatax-il elf hames mija u tmienja u tletin dollari Amerikani u tmienja u ghoxrin centezmi (US$ 19,538.28), il-konvenut kien għamel żewġ ordnijiet godda għax-xiri ta' stock denominat Velocity sħares Daily 2x, waħda tà sitt elef u mitt (6100) sehem fit-3 ta' Ġunju 2016, b'tentative settlement total tà erbatax-il elf mija u tmien dollari Amerikani u disgha u sittin centezmi (US$ 14,108.69) u ohra ta' hmistax-il elf hames mija u hamsin (15,550) sehem fis-6 ta' Ġunju 2016, b'tentative settlement total tà hamsa u tletin elf mija u tmenin dollari Amerikani u tnejn u tletin centezmi (US$ 35,180.32), u fil-Kont ma kienx hemm bilanc biżżejjed biex il-Bank jirrizerva l-prezz tà dawn l-ahhar żewġ ordnijiet u fl-istess waqt jitħallas tal-ordni precedenti li kien għamel il-konvenut tal-1 ta' Ġunju 2016. Kopja tà dawnn l-ahhar żewġ ordnijiet qed tiġi esibita u markata dokumenti 'BOV3' u 'BOV4', u tal-statement tal-Kont markata dokument 'BOV5';*

6. *Illi meta l-Bank attur xtara l-investiment ETFS Crude Oil għall- konvenuti kien hareg is-somma ta' dsatax-il elf hames mija u tmienja u tletin dollari Amerikani u tmienja u ghoxrin centezmi (US$ 19,538.28) li baqà skopert għal dan l-ammont ghar-ragunijiet imsemmija bil-konsegwenza li s-sistema komputerizzata tal-Bank trasferiet b'mod awtomatiku din it-transazzjoni f'reject account meta fil-Kont tal-konvenuti ma sabitx bilanc ta' flus disponibbli biżżejjed biex taddebita l-Kont. Il-Bank kien induna b'dak li kien gara wara z-zmien;*

7. *Illi minkejja li l-Bank attur sejjah diversi drabi lill-konvenuti sabiex ihallsuh is-somma ta' dsatax-il elf hames mija u tmienja u tletin dollari Amerikani u tmienja u ghoxrin centezmi (US$ 19,538.28) jew l-ekwivalenti tagħhom f'denominazzjoni ta' l-Euro, flimkien ma' l-ispejjez bankarji relattivi u l-imgħax legali relattiv, huma naqsu li jaghmlu dan, anzi' qegħdin jirrifjutaw li jissaldaw il-hlas u dan mingħajr ebda raguni valida fil-ligi meta huwa car li l-Bank kien baqa' ma tħallasx il-prezz tal-investiment li kien xtara fl- interess tal-konvenuti. Kopja tà dawnn l-interpellazzjonijiet bil- miktub qed tiġi esibita u markata dokumenti 'BOV6', 'BOV7' u 'BOV8';*

8. *Illi dan l-ammont huwa wieħed cert, likwidu u dovut u sa fejn jaf il- Bank attur il-konvenuti m'għandhomx eccezzjonijiet validi x'jagħtu kontra din it-talba. Dan tikkonfermah bil-gurament Isabelle Sammut (Affidavit esibit u markat dokument 'BOV9')."*

**Talbet lil Din l-Onorabbli Qorti:**

*(i) "tiddisponi mit-talbiet attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawża ai termini tal-artikoli 167 et seq. tal-Kap.12;*

(ii) *tiddikjara lill-Bank attur kreditur tal-konvenuti fis-somma ta' dsatax-il elf hames mija u tmienja u tletin dollari Amerikani u tmienja u ghoxrin centezmi (US$ 19,538.28) jew l-ekwivalenti tagħhom f'denominazzjoni ta' l-Euro, flimkien mal-ispejjez bankarji relattivi li l-konsistenza tagħhom tirriżulta fil-kors tal- kawża;*

(iii) *tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-Bank attur l-ammont kollu dikjarat dovut, bl-imgħax legali mill-ewwel (1) tà Ġunju 2016 sa l- pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta nkluzi tal-ittra interpellatorji tat- 23 tà Awwissu 2017 u 13 tà Frar 2018, u tal-ittra ufficjali tat- 28 ta' Mejju 2018 numru 319/2018, u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment.*

*Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li għaliha minn issa qed tiġi mharrkin."*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Marcellino u Lucia Anna konjuġi Haber illi eċċepew:**

1. *"Preliminarjament il-lis alibi pendens stante li din il-materja diga tinsab pendenti quddiem l-Arbitru Finanzjarju u għalhekk għall-aħjar istruzzjoni ta' din il-kawża huwa opportun li dina l-Onorabbli Qorti tissoprasjedi u tistenna l-eżitu tal-ilment imsemmi;*

2. *Illi fil-mertu t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

3. *Illi l-ammont reklamat mil-bank attur mhux dovut stante dan jirriżulta minn negligenza grossolana da parti tal-bank fl-eżekuzzjoni tas-servizzi tiegħu li sarraf sabiex l-esponenti jagħmlu telf sostanzjali ta' flus inkluż is-somma reklamata*

*mil-istess bank u dan hekk kif sejjer jiġi ippruvat fil-mori tal-kawża;*

4. *Illi l-investiment li sar huwa null stante li ma sarx bil-kunsens esplicitu tal-attriċi Lucia Anna Haber minkejja l-kommunjoni tal-akkwisti vigenti bejn il-konvenuti;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

**Fliet l-atti kollha;**

**Rat** li fis-seduta tat-2 ta' Lulju, 2021 l-attur iddikjara illi kien għalaq il-provi tiegħu;[1]

**Rat** li fis-seduta tas-7 ta' Ottubru, 2022, il-konvenuti ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqin għajr għal kontroezamijiet;[2]

**Rat** li fis-seduta tat-2 ta Frar, 2023 il-partijiet iddikjaraw illi l-kawża tista' tiġi differita għas-sentenza tal-lum;

## IKKUNSIDRAT:

## Preliminari

Fil-każ odjern il-Bank attur jgħid li l-konvenut Marcellino Haber mar il-Bank of Valletta, ir-Rabat, Għawdex, u hemmhekk fis-27 ta' Jannar, 2016 iffirma kuntratt għal *Stockbroking and Advisory Services*. Skont dan il-kuntratt il-Bank kellu jaġixxi ta' *nominee* tal-konvenut. Jgħid li fl-1 ta' Ġunju, 2016 il-Bank għamel ordni għal xiri ta' *securities*, elfejn tliet mija u tletin (2,330) ishma f'*ETFS Crude Oil* fl-ammont ta' għoxrin elf ħamsin dollaru Amerikan u tnax-il ċenteżmu ($20,050.12). Skont il-Bank attur, il-konvenut kien ilu jbigħ u jixtri minn dawn is-*securities* minn dakinhar li ffirma il-kuntratt f'Jannar.

Il-Bank jgħid ukoll li meta ġie ffirmat il-kuntatt ġiet iffirmata wkoll dikjarazzjoni fejn il-konvenut iddikjara illi s-servizz mogħti mill-Bank kien wieħed ta' *execution only* u fejn kien anke ġie ddikjarat mill-konvenut illi huwa kien qed jistrieħ esklussivament fuq ix-xjenza, l-esperjenza u l-ġudizzju tiegħu rigward dan l-investiment. Il-Bank jinsisti li d-dokument iffirmart mill-konvenut juri illi s-servizz mogħti mill-Bank ma kienx jinkludi parir rigward l-investimenti u li kwalisiasi informazzjoni mogħtija mill-Bank kienet biss biex tgħin lill-konvenuti jieħdu d-deċiżjonijiet huma u mhux bħala parir ta x'għandhom jagħmlu.

Skont il-Bank meta huwa ġie biex iħallas l-ordni illi kien għamel il-konvenut dan ma kellux flus biżżejjed fil-kont billi l-konvenut kien fil-frattemp xtara huwa waħdu investimenti oħra u allura ma kienx għad fadal flus fil-kont biex ikopri il-prezz tas-*securities* mixtrija mill-Bank. Jgħid li s-sistema kompjuterizzata tal-Bank tefgħet it-transazzjoni f'*Reject account* u l-Bank induna biha wara ż-żmien.

Jgħid ukoll li minkejja li l-Bank talab lill-konvenuti jħallsuh il-prezz maħruġ għax-xiri kif ukoll l-ispejjeż in konnessjoni mal-istess u l-imgħax dovut, il-konvenuti rrifjutaw li jħallsu u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Il-konvenuti min-naħa tagħhom jilqgħu għat-talbiet tal-attur billi fl-ewwel lok iqajmu l-eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens* billi l-istess mertu qed jinstema' quddiem l-arbitru finanzjarju. Jgħidu wkoll li l-aġir tal-Bank kien wieħed negliġenti u li t-transazzjoni nnifisha hija nulla billi saret mingħajr il-kunsens tal-konvenuta billi bejn il-konvenuti jeżisti r-reġim tal-kommunjoni tal-akkwisti. Il-konvenuti

---

[1] A fol. 306 tal-proċess.
[2] A fol. 325 tal-proċess.

jitlobu lill-Qorti tiċħad it-talbiet tal-Bank attur kollha kemm huma.

**Xhieda**

Isabelle Sammut, *bank investment manager*, xehdet permezz ta' affidavit.[3] Tgħid li l-konvenut kien mar il-Bank of Valletta tar-Rabat, Għawdex għax ried jibda jinvesti flusu. Fis-27 ta' Jannar, 2016 huwa ffirma *Stockbroking and Advisory Services Agreement (Nominee, advice and Securities Transactions)*. Tgħid li fl-1 ta' Ġunju, 2016 fuq struzzjonijiet mill-konvenut il-Bank xtara 2330 ishma f'*ETFS Crude Oil* bil-prezz ta' għoxrin elf ħamsin dollaru Amerikan u tnax-il ċenteżmu ($20,050.12). Tinsisti li l-konvenut kien ilu sa mill-27 ta' Jannar 2016 jixtri minn dawn l-investimenti u x-xiri kollu kien isir a bażi ta' «*execution only*».

Tkompli li meta l-Bank ġie biex iħallas l-ammont mill-flus fil-kont tal-konvenuti, irriżulta li ma kienx hemm bilanċ biżżejjed biex ikopri il-prezz tagħhom billi fil-frattemp il-konvenut kien xtara huwa stess investimenti, waħda fit-3 ta' Ġunju, 2016 fl-ammont ta' erbatax-il elf mija u tmienja dollaru Amerikan u disgħa u sittin ċenteżmu ($14,108.69) u l-oħra fis-6 ta' Ġunju, 2016 fl-ammont ta' ħamsa u tletin elf mija u tmenin dollaru Amerikan u tnejn u għoxrin ċenteżmu ($35,180.32). Tgħid li riżultat ta' dawn it-transazzjonijiet da parti tal-konvenut ma kienx hemm biżżejjed flus fil-kont tal-konvenuti bierx jitħallas ix-xiri mwettaq mill-konvenut u dak li sar mill-Bank attur u għalhekk li l-ammont maħruġ mill-Bank fis-somma ta' dsatax-il elf ħames mija u tmienja u tletin dollaru Amerikan u tmienja u għoxrin ċenteżmu ($19,538.28) baqa' skopert.

[3] A fol. 7 tal-proċess.

Tinsisti li għalkemm il-Bank attur talab diversi drabi lill-konvenuti biex iħallsuh dawn għadhom qed jirrifjutaw.

**Josephine Hili** tgħid illi hija impjegata fil-Gozo Investment Centre. Tgħid li lill-konvenut tafu għax kien imur jixtri u jbigħ l-ishma.

Rigward il-laqgħa mal-konvenuti tgħid li dawn marru għandha biex hija serraħ moħħ il-konvenuta u hi spejgatihom li mhux ir-rwol tagħha li sserraħ ras in-nies iżda mill-attività li kienet tidher fil-kont, kien jidher li l-konvenut kien qed jagħti struzzjonjijiet lill-Bank għal xiri u bejgħ ta' ishma. Tgħid li dakinhar kien ċar li l-konvenut kien qed jagħmel dawn it-transazzjonijiet minn wara dahar martu.

Tgħid li hija spjegat lill-konvenuta li kull meta il-konvenut żewġha kien imur il-Bank biex jixtri jew ibigħ kien isirlu *appropriateness test*.

Tinsisti li kull meta mar għandha l-konvenut huwa kien jaf eżatt x'ried jixtri jew ibigħ. Tgħid li saħansitra kellu applikażżjoni fuq il-mowbajl tiegħu biex ikun jista' jsegwi l-andament tal-investimenti li kien qed jagħmel. Tgħid li mill-konverżazzjonijiet li kien ikollhom rigward investimenti hija kienet tinduna li l-konvenut kien jaf ben tajjeb x'kien ikun qed jagħmel.

Rigward l-ordni tal-1 ta' Ġunju, 2016 tispjega li l-ordni għax-xiri tal-istokk f'*ETFS Crude Oil* kienet ħaditha Josette Grillage però mbagħad fis-6 ta' Ġunju, 2016 hija kienet imbagħad hadet l-ordni biex tbigħ l-istess stokk. Tgħid li nfatti il-bejgħ sar u r-rikavat mill-bejgħ ġie debitament iddepożitat fil-kont tal-konvenuti fid-9 ta' Ġunju, 2016.

Permezz ta' **affidavit ulterjuri**[4] tgħid fis-27 ta' Jannar 2016 il-konvenut iffirma *Stockbroking and Advisory Services Agreement (Nominee, advice and Securities Transactions*) mal-Bank. In forza ta' dan il-kuntratt il-Bank beda jaġixxi ta' nominee għall-konvenut.

Tispjega li l-kuntratt iffirmat mill-konvenut jintuża kemm għal dawk l-investimenti li dwarhom jingħataw parir u kemm għal dawn li jkunu *execution only*, bħal fil-każ tal-konvenut.

Tgħid li mir-rekords tal-Bank jirriżulta li kull transazzjoni li saret mill-konvenut saret *on execution only*. Tisħaq illi l-kont li minnu kieu joħorgu l-flus u li fih kienu jiġu depożitati r-rikavat mill-bejgħ tal-ishma kien intestat fuq il-konvenut waħdu.

Tispjega li mill-istorja tan-negozju tal-konvenut jirriżulta li huwa kien ilu jinnegozja fl-istokk ta' *ETFS Crude Oil* u li l-ordni għax-xiri tal-1 ta' Ġunju, 2016 ma kinitx l-ewwel okkażjoni li l-konvenut innegozja l-istokk f'din il-kumpanija.

Ittenni li l-flus li l-bank irid mingħand il-konvenuti huma il-prezz li l-Bank ħallas sabiex xtara l-istokk ta' elfejn tliet mija u tletin (2,330) ishma f'*ETFS Crude Oil* fuq ordni tal-konvenut.

Tgħid ukoll li l-impjegati tal-Bank jagħtu parir biss rigward l-investimenti li jkunu fir-*recommended securities list* maħruġa mill-Bank. Fil-każ tal-konvenut l-istokk li kien qed jixtri u jbigħ ma kienx fuq din il-lista u għalhekk l-impjegati tal-Bank ma setgħu qatt jagħtuh parir dwarhom.

[4] A fol. 146 tal-proċess.

Tisħaq illi kull dokument li kien jakkumpanja t-transazzjoni ordnata mill-konvenut hija ffirmata minnu. Tisħaq illi l-investiment f'*ETFS Crude Oil* ma kienx irrakkomandat lill-konvenut mill-Bank iżda kien il-konvenut li ried li jagħmel tali investiment.

Tispjega għaliex il-Bank ma indunax mill-ewwel bil-fatt li fil-kont tal-konvenut ma kienx hemm flus biżżejjed biex jitħallas il-prezz tax-xiri tal-istokk.

Tgħid ukoll li mir-rekords tal-Bank jirriżulta li l-konvenut għamel profitt mill-bejgħ tal-istokk ta' elfejn tliet mija u tletin (2,330) ishma f'*ETFS Crude Oil*, iżda xorta waħda ma jridx iħallas lill-bank is-somma dovuta lilu.

Tgħid li mhux minnu li l-konvenut għamel telf mill-investimenti. Tgħid li wieħed irid iħares lejn l-investimenti xiri u bejgħ li sar mill-konvenut b'mod ħollistiku.

Rigward l-investimenti li saru mill-konvenut tramite l-pjattaforma għall-investimenti *Saxo*, tispjega li din mhix pjattaforma tal-Bank attur u r-relazzjoni tal-konvenut hija mal-Bank li jiġġestixxi l-pjattaforma u mhux il-Bank attur.

Tinsisti li kull investiment li sar minn fuq il-pjattaforma mill-konvenut ma kienx jinvolvi lill-Bank attur.

**Josette Grillage** xehdet ukoll permezz ta' affidavit[5]. Tispjega li l-konvenut kien għamel l-ordni għal xiri ta' stokk fl-ammont ta' elfejn tliet mija u tletin (2,330) sehem f'*EFTS Crude Oil*, għandha fl-1 ta' Ġunju, 2016. Tgħid li din ma kinitx l-ewwel darba li l-konvenut kien għamel din it-tip ta' ordni u kien ilu jagħmel hekk sa minn Jannar 2016. Tgħid li

[5] A fol. 95 tal-proċess.

infatti qabel din l-ordni partikolari l-konvenut kien għamel sitt (6) ordnijiet preċedenti għal din fl-istess stokk.

Tispjega li hija kienet wettqet il-*Client Assessment of Appropriateness* rigward dan l-istokk partikolari. Tgħid li dan it-test isir ma' kull ordni għal xiri jekk jkun hemm bżonn u ma jibqax isir jekk il-klijent jibqa' jbigħ u jixtri mill-istess stokk.

Tgħid li dan ix-xiri sar fuq struzzjonijiet ta' *execution basis only,* li kien l-istess għal kull darba li nxtara l-istokk mill-klijent konvenut. Għalhekk tinsisti li meta saret l-ordni mill-konvenut a bażi ta' *execution basis only* hija ma kellha l-ebda obbligu li tagħtih pariri u lanqas intalbet li tagħti xi pariri.

Tispjega li l-kont li minnu kellhom jittieħdu il-flus kien f'isem il-konvenut biss.

Tgħid li dakinhar li saret l-ordni fil-kont kien hemm biżżejjed flus biex jitħallas il-prezz tax-xiri u l-kummissjoni tal-Bank. Tant hu hekk li s-sistema tal-Bank ħalliet l-ordni tgħaddi u ma waqqfithiex. Tispjega li kieku ma kienx hemm flus fil-kont is-sistema kienet ittella' «Alert» u l-ordni kienet tiġi stallata.

Itteni li ftit jiem wara l-konvenut reġa' mar il-Bank biex ibigħ l-istokk li kien xtara fl-1 ta' Ġunju, 2016. Tgħid ukoll li l-konvent kellu applikazzjoni fil-mowbajl tiegħu u permezz ta' din l-applikażzjoni huwa kien isegwi l-andament tal-investimenti tiegħu. Huwa kien jmur il-Bank ippreparat x'ser ibigħ u x'ser jixtri sew.

Tkompli tgħid li fil-każ odjern mera l-Bank mar biex jiġbed il-flus li l-Bank kien ħareġ li kien il-prezz tax-xiri tal-istokk instab illi ma kienx hemm flus biżżejjed billi fil-frattemp il-konvenut kien laħaq xtara stokk ieħor. Kien għalhekk illi s-

sistema tal-Bank irriġettat it-transazzjoni u poġġietha f'*Reject account*.

Tispjega li sakemm il-Bank induna b'dan laħaq għadda ż-żmien.
Skont din ix-xhud l-istokk ta' elfejn tliet mija u tletin (2,330) ishma f'*ETFS Crude Oil*, inbiegħu mill-konvenut u r-rikavat daħlu fil-kont tal-konvenut.

**Albert Gauci** prodott mill-Bank attur[6] jgħid illi lill-konvenut huwa qdieh darbtejn u fiż-żewġ okkażjonijiet il-konvenut mar ippreparat bil-prezz li ried ibigħ.

Rigward l-istokk ta' elfejn tliet mija u tletin (2,330) ishma f'*ETFS Crude Oil* jgħid li fl-1 ta' Ġunju, 2016 il-konvenut mar il-bank biex jixtri dan l-istokk u mbgħad reġa' mar fis-6 ta' Ġunju, 2016 biex ibighu. Jispjega li billi is-somma mill-bejgħ kienet aktar minn tnax-il elf ewro (€12,000) kien hemm bżonn il-firma ta' rappreżentant ieħor tal-Bank u kien għalhekk li daħal hu u ffirma bħala *authorised signatory*.

Jispjega li dakinhar ukoll jiġifieri fis-6 ta' Ġunju, 2016 il-konvenut kien għamel ordni biex ibigħ stokk ieħor denominat *Energy Fuels Inc*.

Jgħid li fid-9 ta' Ġunju, 2016 daħlu fil-kont tal-konvenut is-somma ta' dsatax-il elf tliet mija u sitta u sebgħin dollaru Amerikan u disgħa u għoxrin ċenteżmu ($19,376.29) mill-bejgħ tal-istokk ta' elfejn tliet mija u tletin (2,330) f'*ETFS Crude Oil* skont l-ordni mogħtija mill-konvenut, iżda minkejja li l-konvenut biegħ u daħħal il-flus mill-bejgħ qed jirrifjuta li jirrifondi is-somma li l-Bank ħareġ biex dak l-istokk inxtara.

[6] A fol. 116 tal-proċess.

Dan ix-xhud jispjega li l-Bank ma kienx ħa il-flus mill-kont tal-konvenut billi dan fil-frattemp kien xtara stokk ieħor u ma kienx hemm biżżejjed flus fil-kont biex ikopri il-prezz imħallas mill-bank għax-xiri tal-istokk.

Dan ix-xhud jiċħad illi huwa ta xi pariri lill-konvenut rigward l-istokk ta' *Epirus Biopharmaceuticals*. Jisħaq illi dan l-istokk lanqas ma kien fil-lista ta' investimenti ġġenerati mill-bank u allura lanqas biss seta' jagħti pariri dawru lill-konvenut.

Jiċħad illi huwa qatt ta xi pariri lill-konvenut. Jtenni li s-servizz *execution only* ma jinkludix pariri dwar investimenti.

**John Vella** prodott mill-Bank attur jgħid illi meta mar ikellmu l-konvenut Marcellino Haber huwa kien jaf ben preċiz liema stokk ried jixtri. Jgħid li hu ma tah l-ebda parir dwar liema stokk kellu jinvesti fih għax il-konvenut kien diga jaf x'irid. Jispjega li qabel l-investiment sarlu l-**Appropriatness test**.

Rigward ix-xiri u l-bejgħ tal-istokk f'*ETFS Crude Oil* jgħid li il-konvenut kien imur hu il-Bank b'ideat ċari ta' x'ried u kien jiffirma *dealing instructions*.

Rigward parir jgħid illi bħala impjegat tal-bank hu seta' jagħti parir rigward investimenti li jkunu fl-lista ġġenerata mill-Bank innifsu u allura ma setax jagħti parir fuq investimenti li ma jkunux elenkati f'dik il-lista. *EFTS Crude oil* ma kinitx fil-lista ġġenerata mill-Bank u allura żgur li ma setax jagħti parir dwar dan l-investiment.

Rigward il-firma tiegħu f'dokumenti ta' xiri u bejgħ ta' investiment jgħid li din il-firma kienet tkun meħtieġa meta l-prezz tal-investiment jkun aktar minn tnax-il elf dollaru Amerikan ($12,000.)

**In kontroeżami** jgħid illi mal-konvenuti ma kien hemm ebda ftehim għal *overdraft*. Jgħid li huwa obbligu tal-Bank illi jara li qabel kull transazzjoni jkun hemm flus biżżejjed fil-kont tal-klijent biex dik it-transazzjoni s-seħħ. Jgħid ukoll li kieku ma kienx hemm flus fil-kont tal-konvenut it-transazzjoni ma kinitx issir.

Il-**konvenut Marcellino Haber** xehed[7] illi huwa jaħdem bħala *security* fi skola u li l-livell ta' edukazzjoni tiegħu huwa sal-livell sekondarju. Jinsisti li huwa meta kien jistaqsi jekk kellux flus biex jinnegozja l-impjegati tal-Bank kienu jgħidlu li kellu.

Jispjega li kien imur il-Bank jiffirma d-dokumenti u li kien il-Bank li kien jixtri u jbigħ f'ismu. Jagħti rendikont ta' kemm-il darba mar il-Bank biex jinvesti u jgħid li kien hemm drabi fejn ingħata pariri ħżiena għax il-kumpanija li tagħha xtara l-ishma wara falliet.

Itenni li hu qatt ma ffirma jew awrotizza lill-Bank jagħtih self jew *overdraft*.

Il-**konvenuta Lucia Ann Haber** xehdet illi[8] żewġha kien ġie mħajjar jibda jinvesti minn impjegat tal-Bank attur. Tispjega li l-attur fetaħ kont apposta u għalkemm hija kienet xettika żewġha beda jagħmel kuraġġ meta beda jara l-profitti.

Rigward l-*Appropriateness test* hija tgħid li żewġha ma kienx jaf x'qed jiffirma u meta ffirma għax qalulu jagħmel hekk. Tgħid li d-dokument fih informazzjoni skorretta fuq żewġha u li għalhekk hija tinsisti li ma sarx sew. Tafferma illi kellu

[7] Seduta 7 ta' Ottubru, 2022.
[8] Seduta 27 ta' April, 2021.

pjattaforma fuq il-mowbajl u li kien imur ibigħ u jixtri l-ishma ta' spiss.

Tisħaq illi il-flus li irid il-Bank illum huma riżultat ta' aġir żbaljat u negliġenti min-naha tal-Bank. Tgħid li l-flus il-Bank investihom mingħajr ma nqatgħu mill-kont tar-raġel tagħha.

Tinsisti li l-flus għadhom fil-kont u li hija qatt ma ffirmat dokumenti għal self mill-bank.

Tafferma illi żewġha kien qed jagħmel profitti mill-investimenti, però tgħid ukoll illi ma tantx kien jaf x'qed jagħmel għax il-valur tal-investimenti niżel.

Tinsisti li l-kawża odjerna hija riżultat ta' zball tal-Bank u allura għandu jkun responsabbli għalih il-Bank.

Ittenni li hija ma kinitx taf li l-Bank kien xtara l-ishma mingħajr ma ħa l-flus mill-kont. Tgħid li saru jafu waqt il-kawża. Tgħid li jekk irid il-Bank jiehu dak dovut lilu f'sħares u jiehu dak li hemm.

**In kontroeżami** tafferma illi żewġha kellu pjattaforma li permezz tagħha kien jinnegozja waħdu. Taċċetta illi huwa ried il-pjattaforma biex ikun jista' jinnegozja anke meta l-Bank jkun magħluq.

## IKKUNSIDRAT:

Il-kawża tal-lum hija waħda li permezz tagħha il-Bank of Valletta qed jitlob li jitħallas lura is-somma minfuqa minnu meta huwa xtara strument ta investiment fil-vesti tiegħu ta nominee fuq inkarigu specifiku ta Marcellino Haber.

Il-konvenuti jilqgħu għal din it-talba billi fl-ewwel lok jqajmu l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* u jgħidu li hemm fl-

istess ħin proċeduri għaddejjin quddiem l-Arbitru Finanzjarju u għalhekk il-proċeduri quddiem din il-Qorti għandhom jiġu stallati sakemm jinqata' l-arbitraġġ.

Minn eżami tal-atti jirriżulta li l-konvenut ma ressqu ebda prova in sostenn ta' din l-eċċezzjoni u lanqas ma insistew fuqha tant li l-kawża baqgħet tinstema'. Apparti dan kollu mix-xhieda tal-konvenut[9] jirriżulta li l-proċeduri quddiem l-arbitru Finanzjarju illum huma weqfin jistennew l-eżitu tal-proċeduri odjerni. In vista ta' din id-dikjarazzjoni da parti tal-konvenut il-Qorti ser tghaddi biex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni.

Eċċezzjoni oħra sollevata mill-konvenuti hija li t-transazzjoni li a bażi tagħha l-Bank attur qed jitlob rifużjoni hija nulla billi saret mingħajr il-kunsens tal-konvenuta Lucia Anna Haber u dana stante li bejn il-partijiet jeżisti r-reġim tal-kommunijoni tal-akkwisti. Apparti mill-fatt li l-Qorti tosserva li l-konvenuta ma ħadet l-ebda pass sabiex tannulla it-transazzjoni li kien għamel żewġha u għalhekk illum l-eċċezzjoni li l-investiment huwa null għax ma sarx bil-kunsens tagħha ma treġix, mill-provi akkwiżiti jirriżulta illi l-kont mal-Bank of Valletta b'denominazzjoni f'dollari nfetaħ mill-konvenut waħdu. Jirriżulta wkoll illi wara li l-konvenut iffirma l-kuntratt mal-Bank fis-27 ta' Jannar, 2016 huwa għamel sensiela ta' transazzjonijiet ta' bejgħ u xiri ta ishma f'kumpaniji diversi tramite l-Bank *qua nominee*. Biex saru dawn it-transazzjonijiet intuża dejjem l-istess kont. Minn analiżi tar-*trading history* tal-konvenut joħroġ ben ċar illi huwa kien attiv mhux ħażin u sa anke wasal biex jinnegozja minn fuq pjattaform diġitali. It-transazzjoni tal-1 ta' Ġunju, 2016 ma kinitx att iżolat iżda kienet waħda minn sensiela sħiħa ta' transazzjonijiet. Fid-dawl ta dawn il-fatti

[9] A fol. 320 tal-proċess.

kollha l-Qorti hija għalhekk tal-fehma illi l-aġir tal-konvenut jinkwadra sew f'dak li huwa pprovdut taħt l-Artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi li «*Atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu eżerċitati minn parti waħda biss mill-miżżewġin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita dak il-kummerċ, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kienux magħmula in relazzjoni ma' dik is-sengħa, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja*». Dan l-artikolu irid jinqara flimkien ma dak dispost fil-paragrafu (f) tal-Artikolu 1327 li jipprovdi s-segwenti:- «*kull dejn jew indennizz dovut bħala rimedju ċivili minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bħala rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda*».

Dan ifisser illi in kwantu għall-atti mwettqa mill-konvenut għalkemm ma kienx hemm ħtieġa tal-kunsens tal-konvenuta, madankollu kull rifużjoni li talvolta jista' jkun dovut lill-Bank attur għandha xorta waħda tbatih il-kommunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-konvenuti u għalhekk ir-raba' eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti ser tiġi miċħuda wkoll.

Tenut ferm dan kollu imiss l-Qorti tindaga jekk l-ammont reklamat mill-Bank attur hux effettivament dovut mill-konvenuti. Din il-Qorti fliet ix-xhieda tal-impjegati tal-Bank u anke tal-konvenuti. Mill-korp kollu tax-xhieda miġbura joħroġ ċar illi hemm qbil bejn il-partijiet li fl-1 ta' Ġunju, 2016 il-konvenut kien għamel ordni għal xiri ta' elfejn tliet mija u tletin (2,330) stokk f'*ETFS Crude Oil*. Dakinhar illi għamel l-ordni l-konvenut kellu flus biżżejjed fil-kont biex dan l-akkwist isir mill-Bank of Valletta bħala *nominee* tal-konvenut. Jirriżulta iżda illi wara dakinhar il-konvenut għamel ordnijiet oħra għal xiri ta' investimenti mal-Bank

bir-riżultat li l-flus li kien hemm fil-kont tnaqqru bir-riżultat li l-bilanċ li kien hemm fil-kont ma kienx biżżejjed biex ikopru l-prezz tal-istokk kollu mixtri fuq diversi jiem. Sadanittant il-Bank attur lahaq xtara l-elfejn tliet mija u tletin (2,330) stokk skont l-ordni magħmula mill-konvenut.

Il-Qorti tosserva li l-konvenuti ma jiċħdux illi l-istokk inxtara. Jirriżulta wkoll li fis-6 ta' Ġunju, 2016 il-konvenut tramite il-bank biegħ dan l-istess l-istokk ta' elfejn tliet mija u tletin (2,330) f'*ETFS Crude Oil*. Lanqas ma jiċħdu illi l-prezz tal-istokk ma ġiex imnaqqas mill-kont. Id-diffikultà tal-konvenuti hija li fil-frattemp il-valur tal-istokk niżel. Tant hu hekk li l-konvenuta xehdet illi l-flus «*Gew investiti mingħajr ma qatghu l-flus minn fuq l-account taghna*»[10]. L-istess konvenuta mbagħad tgħid «*Nghtihomlu sħares, johodhom kif inhuma*». Dan ifisser ukoll illi l-konvenuti ma humiex jichdu illi l-Bank għandu jitħallas.

Barra minn hekk il-konvenuti jressqu l-argument illi huma ma ffirmaw ebda ftehim mal-Bank għal *overdraft* jew self u għalhekk il-Bank ma għandux id-dritt li jitlob lura il-flus li ħareġ. Jinsistu li dan huwa kollu riżultat ta' żball tal-Bank. Il-Qorti iżda ma taqbilx mal-argumenti sollevati mill-konvenuti. Fl-ewwel lok fil-każ odjern minn imkien ma jirriżulta li kien hemm xi self mill-Bank u lanqas li kien hemm xi faċilità ta' *overdraft*. Li joħroġ sew mill-provi huwa li meta l-konvenut għamel l-ordni għal xiri tal-istokk imsemmi flus fil-kont kien hemm biżżejjed biex din it-transazzjoni ssir. Billi t-transazzjoni ma ssirx immedjatament malli jkun hemm l-ordni, meta l-konvenut poġġa ordnijiet oħra għal aktar xiri, inqabeż il-bilanċ li kien hemm fil-kont. Il-Qorti hawnhekk tosserva li ħadd ħlief il-konvenut ma kien fid-dmir li jżomm rendikont tal-attività

[10] A fol. 284 tal-proċess.

finanzjarja tiegħu. Kien jinkombi fuq il-konvenut li jżomm sew taħt għajnejh il-ħruġ u d-dħul fil-kont tiegħu sabiex jkun ċert illi kellu l-likwidità neċessarja biex jkompli bl-attività tiegħu.

Huwa minnu illi matul il-kawża il-konvenuti jittentaw jitfgħu dan il-piż fuq il-Bank madankollu l-Qorti hija tal-fehma illi r-reponsabbiltà tal-ġestjoni tal-fondi f'kont bankarju mhix tal-Bank iżda tal-persuna li fuq isimha jkun il-kont.

Huwa minnu wkoll li l-konvenuti jargumentaw illi l-konvenut ma għandux livell ta' edukazzjoni għoli u għalhekk kien jħalli f'idejn l-impjegati tal-Bank, però fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-argument ma għandux mis-sewwa meta wieħed jara l-attività li kien għaddej biha l-konvenut. Mill-atti jirriżulta b'mod ċar illi l-konvenut kien jixtri u jbigħ ishma diversi. Kien jiddepożita l-profitti u jerġa' jinvesti. Dan l-aġir żgur ma jirrispekkjax xi ħadd li ma għandux idea ta' x'qed jagħmel. Aktar minn hekk jirriżulta li kellu amke pjattaforma biex iżomm ruħu aġġornat bl-andament tas-suq. Il-Qorti tosserva wkoll li n-negozju tramite din il-pjattaforma kien isir mill-konvenut waħdu mingħajr l-intervent tal-Bank u allura altru li kien jaf x'qed jagħmel.

Barra minn hekk il-kawża tal-lum ma ġietx intavolata mill-konvenuti kontra l-Bank attur għax tilfu l-flus li investew, iżda ġiet intavolata mill-Bank li jrid lura l-flus li huwa ħareġ għax-xiri tal-istokk skont l-ordni mogħtija mill-konvenut. Mix-xhieda tal-impjegati tal-Bank ħareġ ċar illi l-Bank ma indunax mill-ewwel li fil-kont tal-konvenut ma kienx hemm flus biżżejjed. Kif ġa ngħad mix-xhieda konsistenti tal-impjegati tal-Bank jirriżulta li meta saret l-ordni kien hemm flus biex ikopru l-prezz. Għalhekk l-argument li l-Bank kien

negliġenti ma jreġix. Kien ikun hemm bażi għal argument ta' negliġenza li kieku l-Bank aċċetta l-ordni meta flus ma kienx hemm fil-kont. Dan iżda ma hux il-każ odjern, billi mill-provi prodotti joħroġ ċar illi meta l-konvenut għamel l-ordni, f'dak il-mument preċiż kien hemm fondi biżżejjed biex ikopru l-prezz tal-istokk.

Tenut kont ta' dawn il-kwadru ta' fatti l-Qorti tqis li l-iżball sar mill-konvenut meta dan ma żammx rendikont tal-infiq u għamel ordnijiet f'ammonti li kienu jaqbżu l-bilanċ fil-kont tiegħu. Il-Qorti tifhem illi xiri ta' stokk ma jseħħx immedjatament mal-ordni u għalhekk il-persuna li fuqha jkun il-kont trid iżżomm rendikont sew tal-attività fuq il-kont tagħha. Huwa ben ċar li dan l-eżerċizzju l-konvenut ma għamlux.

Kif ġa ngħad mill-atti proċesswali jirriżulta li l-Bank ħareġ il-flus biex inxtara l-istokk u meta mar fuq il-kont tal-konvenut biex jieħu l-flus li kien ħareġ sab li ma kienx hemm biżżejjed u għalhekk is-sistema tal-Bank tefgħet it-transazzjoni f'*Reject Account*. Dan iżda ma jfissirx li l-istokk ma nxtarax għax infatti l-konvenut reġa' nnegozja l-istess stokk u għamel użu sħiħ mir-rikavat mill-bejgħ tal-istess. Tenut kont ta' dawn il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet kollha ġa magħmula l-Qorti tqis li t-talbiet tal-Bank attur huma ġustifikati u ser tgħaddi biex tilqagħhom għax altrimenti tkun qed tagħti lok għal arrikkiment inġust da parti tal-konvenuti.

## DECIDE:

Għaldaqstant in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha ġa mogħtija l-Qorti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-

konvenuti u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba, tilqa' l-bqija tat-talbiet tal-Bank attur.

Bl-ispejjeż kollha a karigu tal-konvenuti.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**